**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għas-Sajd*

**2017/2208(INI)**

31.1.2018

# OPINJONI

tal-Kumitat għas-Sajd

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar ir-reġjuni li għadhom lura fl-UE
(2017/2208(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Nicola Caputo

PA_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' April 2016 dwar innovazzjoni u diversifikazzjoni tas-sajd kostali artiġjanali fir-reġjuni li jiddependu mis-sajd[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Lulju 2017 dwar ir-rwol tat-turiżmu relatat mas-sajd fid-diversifikazzjoni tas-sajd[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2017 dwar il-promozzjoni tal-koeżjoni u l-iżvilupp fir-Reġjuni Ultraperiferiċi tal-UE: l-implimentazzjoni tal-Artikolu 349 tat-TFUE[3],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd l-ġdida[4],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1379/2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura[5],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 508/2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS)[6],

A. billi s-sajd, b'mod partikolari s-sajd artiġjanali fuq skala żgħira, huwa attività tradizzjonali li, permezz tal-karattru speċifiku tiegħu, jiddefinixxi l-identità u l-istil ta' ħajja fil-biċċa l-kbira taż-żoni kostali ta' "reġjuni li għadhom lura" (bħaż-żoni tal-Mezzogiorno Taljan, u ż-żoni tal-Greċja, il-Kroazja, Spanja u l-Portugal) u "reġjuni b'introjtu baxx" (bħal żoni tal-Bulgarija u r-Rumanija) imsemmija fir-rapport rilevanti tal-Kummissjoni;

B. billi l-għajxien ta' 12 % tal-popolazzjoni dinjija jiddependi mis-sajd u l-agrikoltura, u dan ifisser li l-kummerċ tal-prodotti tas-sajd jista' jkollu impatt soċjali u ekonomiku enormi, u kważi 40 % tal-produzzjoni tiġi kkummerċjalizzata fil-livell internazzjonali b'valur ta' esportazzjoni annwali ta' 'l fuq minn EUR 115 biljun;

C. billi s-sajd fuq skala żgħira, artiġjanali, kostali u għall-frott tal-baħar bil-qoxra huwa ta' importanza ekonomika, territorjali, soċjali u kulturali f'bosta żoni kostali tal-UE, inklużi l-gżejjer u r-reġjuni ultraperiferiċi tagħha, u dan il-qasam għandu, għaldaqstant, jiġi protett u sostnut meta jiġi mhedded mis-sajd industrijali u fuq skala kbira u l-akkwakultura industrijali;

D. billi s-sajd artiġjanali juża rkaptu u tekniki li għandhom inqas impatt fuq l-istatus tal-

[1] Testi adottati, P8_TA(2016)0109.
[2] Testi adottati, P8_TA(2017)0280.
[3] Testi adottati, P8_TA(2017)0316.
[4] ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.
[5] ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1.
[6] ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1.

istokkijiet li jinsabu fil-periklu tal-estinzjoni;

E. billi s-sajd artiġjanali għandu riperkussjonijiet sinifikanti għall-futur tal-komunitajiet kostali u l-gżejjer inqas żviluppati tal-Unjoni; billi huwa meħtieġ li jitrawwem l-interess taż-żgħażagħ biex jintegraw ruħhom fis-settur u jingħatalhom taħriġ ta' kwalità għolja, fosthom fis-sajd artiġjanali u kostali, bil-għan li jingħata kontribut għall-iżvilupp ta' żoni li jiddependu fuq is-sajd u l-popolazzjoni tiġi mħeġġa tibqa' tgħix hemm;

F. billi l-ksib ta' rendiment massimu sostenibbli jirrikjedi fokus reġjonali li jqis il-kriterji xjentifiċi u l-kunsiderazzjonijiet soċjoekonomiċi;

G. billi l-UE hija l-akbar suq għall-prodotti tas-sajd u, proprju għal din ir-raġuni, tikber in-neċessità li jiġi żgurat li l-attivitajiet tas-sajd ma jħallux biss qligħ iżda jkunu bbilanċjati u sostenibbli wkoll;

H. billi s-sajd kompla jonqos, u b'hekk kkontribwixxa għad-deklin ekonomiku gravi ta' bosta żoni kostali u gżejjer, inklużi dawk fir-reġjuni li għadhom lura, li rriżulta f'depopolazzjoni u wassal biex l-abitanti telqu jgħixu f'żoni li joffru prospetti aħjar f'dak li jikkonċerna l-impjieg u l-edukazzjoni;

I. billi l-miżuri li jaffettwaw lil dawn ir-reġjuni li huma adottati bħala parti mill-politika komuni tas-sajd iridu jkunu sostenibbli mil-lat soċjali u ekonomiku bil-għan li jiġi żgurat li s-sajd artiġjanali jibqa' vijabbli; billi l-ispeċijiet li jinqabdu bis-sajd kostali għandhom valur kbir mil-lat soċjoekonomiku, għad li dawn jikkostitwixxu biss proporzjon żgħir tas-sajd kummerċjali;

J. billi l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jistipula li "meta jallokaw opportunitajiet tas-sajd disponibbli għalihom, ... l-Istati Membri għandhom jużaw kriterji trasparenti u oġġettivi" u li "l-kriterji li għandhom jintużaw jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn, ... il-kontribut għall-ekonomija lokali"; billi, f'dan il-qafas, l-UE jeħtiġilha tagħti attenzjoni partikolari lill-flotot ta' reġjuni inqas żviluppati;

K. billi n-nisa għandhom rwol essenzjali fis-sajd artiġjanali, b'mod partikolari f'kompiti marbuta mal-katina tal-ipproċessar u s-sajd għall-frott tal-baħar bil-qoxra;

L. billi l-politika ta' koeżjoni tal-UE timmira li tnaqqas id-differenzi bejn ir-reġjuni u l-Istati Membri, u dan billi trawwem konfluwenza ekonomika, soċjali u territorjali, u billi s-settur tas-sajd u s-setturi marbuta direttament jew indirettament miegħu għandhom rwol fl-iżvilupp tar-reġjuni kostali;

M. billi għadd kbir ta' impjiegi, kemm dawk diretti kif ukoll dawk indiretti, li huma ġġenerati mis-settur tas-sajd, is-settur tas-sajd għall-frott tal-baħar bil-qoxra u s-settur tal-akkwakultura u l-industriji anċillari, kif ukoll il-kummerċjalizzazzjoni u l-industriji tal-ipproċessar tal-ħut, ituhom importanza soċjoekonomika kbira;

N. billi xi żoni tas-sajd kostali fir-reġjuni li għadhom lura jinsabu qrib reġjuni ekonomikament żviluppati u destinazzjonijiet turistiċi iżda, madankollu mhumiex kapaċi jilħqu tkabbir ekonomiku adegwat;

O. billi l-pressjoni biex isir użu mir-riżorsi tal-baħar qed tikber f'dawn ir-reġjuni, u s-settur

tas-sajd spiss jiġi emarġinat favur it-turiżmu, minkejja l-fatt li ż-żewġ setturi huma kompatibbli u komplementari;

P. billi l-Artikolu 349 tat-TFUE jirrikonoxxi s-sitwazzjoni ekonomika u soċjali speċjali tar-reġjuni ultraperiferiċi, li hija aggravata minn fatturi (l-ultraperiferiċità, l-insularità, iċ-ċokon, it-topografija u l-klima diffiċli, id-dipendenza fuq ftit prodotti, eċċ.) li n-natura permanenti tagħhom u l-fatt li jeżistu kollha flimkien jillimitaw l-iżvilupp tar-reġjuni ultraperiferiċi;

Q. billi perċentwal kbir tal-popolazzjonijiet lokali fir-reġjuni inqas żviluppati, b'mod partikolari r-reġjuni ultraperiferiċi, jiddependi minn attivitajiet marbuta mas-sajd kostali fuq skala żgħira u s-sajd lokali, u hemm nuqqas ta' żgħażagħ f'dan it-tip ta' attività peress li ma tiġbidx lin-nies, tirrikjedi livell baxx ta' ħiliet u spiss il-paga hija ħażina;

R. billi mod wieħed ta' kif tiġi ggarantita l-kompetittività ta' prodotti tas-sajd minn reġjuni ultraperiferiċi huwa li jiġi żgurat li l-prezz tal-ħut minn dawk ir-reġjuni ma jkunx eċċessiv bħala riżultat tal-ispejjeż ta' trasport meta jilħaq is-swieq ta' destinazzjoni ewlenin;

S. billi s-sajd rikreazzjonali u t-turiżmu marbut ma' din l-attività għandhom impatt ekonomiku importanti u jistgħu jġibu magħhom id-diversifikazzjoni għal dawn ir-reġjuni;

T. billi l-istrateġija tal-ekonomija blu tal-UE tħeġġeġ u tappoġġa l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli fiż-żoni kostali;

U. billi t-turiżmu marittimu u kostali jipprovdi impjieg għal 3.2 miljun ruħ u jiġġenera total ta' EUR 183 biljun f'valur miżjud gross fl-UE;

1. Jisħaq fuq l-importanza tas-sajd, b'mod partikolari s-sajd fuq skala żgħira u t-turiżmu kostali u marittimu sostenibbli għall-iżvilupp ta' ekonomija marittima, soċjali u ekoloġika għalkollox inklużiva; jenfasizza l-importanza li tiġi ddiversifikata l-offerta tat-turiżmu billi jiġu stimulati l-attivitajiet sostenibbli mil-lat ekonomiku u ekoloġiku li tul is-sena sħiħa jiffaċilitaw u jippromwovu l-aċċess għall-wirt marittimu, it-turiżmu sottomarin, it-turiżmu kulinari u l-isports tal-ilma tul is-sena, bil-għan li jikkumpensaw għall-istaġjonalità; iqis li hu neċessarju li jingħata appoġġ finanzjarju akbar lill-SMEs li qed jiżviluppaw soluzzjonijiet innovattivi għat-turiżmu kostali u marittimu permezz ta' strumenti finanzjarji bħal Orizzont 2020;

2. Jinnota li d-diversifikazzjoni saret neċessità għal ħafna sajjieda żgħar kważi kullimkien, iżda b'mod partikolari għal dawk li jinsabu fir-reġjuni li għadhom lura, peress li l-introjtu tagħhom minn attivitajiet tas-sajd spiss m'huwiex adegwat u jkollhom jirrikorru għal sorsi addizzjonali ta' introjtu, inklużi forom ġodda ta' turiżmu relatat mas-settur, bħat-turiżmu tas-sajd; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġaw l-użu ta' fondi differenti tal-UE, flimkien mal-FEMS, bil-għan li jiżviluppaw it-turiżmu tas-sajd u l-ipproċessar tal-ħut f'dawn iż-żoni u b'hekk jiddiversifikaw is-sorsi ta' introjtu; jisħaq fuq il-punt, madankollu, li d-diversifikazzjoni ma trid bl-ebda mod tipperikola l-attivitajiet tas-sajf infishom u li l-ħidma tas-sajjieda ż-żgħar trid tiġi rikonoxxuta u tingħata sostenn finanzjarju, anki tul il-perjodu ta' waqfien mis-sajd għal raġunijiet bijoloġiċi;

3. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jinvestu fit-taħriġ u l-iżvilupp teknoloġiku tas-setturi kollha tas-sajd bil-għan li jattiraw riżorsi umani ta' kwalità għolja għas-settur tas-sajd fir-reġjuni li għadhom lura u jiżguraw li dawn jibqgħu hemmhekk; josserva li l-investiment fil-kapital uman u l-azzjoni biex jiġi promoss it-taħriġ fis-settur tas-sajd huma prekundizzjonijiet essenzjali bil-għan li jinkiseb tkabbir sostenibbli u kompetittiv; jenfasizza r-rwol li l-FSE jista' jkollu fit-titjib tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż is-sajd artiġjanali u kostali; jisħaq fuq l-importanza tal-istabbiliment u l-prestazzjoni ta' Gruppi ta' Azzjoni Lokali għas-Sostenn tas-Settur tas-Sajd (FLAGs), li jipprovdu assistenza lis-settur tas-sajd;

4. Jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jipprovdu infrastruttura innovattiva u sostenibbli, inklużi konnessjonijiet tal-internet veloċi u IT ta' kwalità tajba, bil-għan li jgħinu lis-sajjieda fir-reġjuni li għadhom lura jiddiversifikaw minn attivitajiet ta' sajd tradizzjonali, itejbu l-attività mwettqa u jagħmlu l-attività tagħhom kompatibbli ma' setturi oħra ta' attività ekonomika, b'mod partikolari s-setturi komplementari; jenfasizza l-potenzjal ta' proġetti multisettorjali li jippromwovu l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorkali f'reġjuni kostali inqas żviluppati billi jikkapitalizzaw fuq sinerġiji bejn il-fondi Ewropej, b'mod partikolari l-FEŻR, il-FEMS u l-FSE; jisħaq fuq l-importanza tal-ekonomija blu, li tista' tikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku ta' żoni kostali u gżejjer li għadhom lura;

5. Jenfasizza l-ħtieġa li jingħata s-sostenn lill-ħidma u l-ħolqien ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi u interprofessjonali bil-għan li tittejjeb il-kompetittività u l-pożizzjonament tas-settur fis-suq;

6. Jisħaq fuq l-importanza tal-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd (FEMS), li għall-ewwel darba jgħaqqad il-finanzjament tal-Politika Marittima Integrata u l-finanzjament għas-sajd, kif ukoll il-finanzjament mill-BEI, f'dak li jikkonċerna l-iżvilupp sostenibbli, u li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent tas-sajd, l-akkwakultura u l-ipproċessar tas-sajd, l-appoġġ tad-diversifikazzjoni tal-introjtu fil-komunitajiet tas-sajd li jiddependu minn dawk is-setturi, b'mod partikolari s-sajd kostali fuq skala żgħira, il-promozzjoni tat-taħriġ vokazzjonali għan-nisa u ż-żgħażagħ u l-integrazzjoni tal-intraprendituri l-ġodda fis-settur; jistieden lill-Istati Membri jħaffu l-użu tal-FEMS, b'mod partikolari l-komponenti tiegħu maħsuba għat-taħriġ vokazzjonali u l-ħiliet għall-popolazzjonijiet lokali u l-iżvilupp ta' attivitajiet komplementari għas-sajd tradizzjonali; iqis li huwa kruċjali li jinżammu, u preferibbilment jiġi miżjuda, is-sussidji mogħtija lir-reġjuni ultraperiferiċi għat-trasport tal-ħut sa ma jidħol fis-suq internazzjonali bil-għan li tiġi ggarantita kompetizzjoni ġusta ma' prodotti minn postijiet oħra; jenfasizza l-importanza li l-FEMS jingħata biżżejjed finanzjament fil-perjodu wara l-2020 biex ikompli jipprovdi sostenn lill-iżvilupp kostali ta' reġjuni li jiddependu mis-sajd;

7. Jisħaq fuq il-punt li s-sajjieda, speċjalment is-sajjieda ż-żgħar, f'ħafna reġjuni li għadhom lura jsibu diffikultajiet biex ikollhom aċċess għall-finanzjament minħabba l-piż tad-dejn u l-pressjonijiet fuq il-finanzi pubbliċi f'dawk iż-żoni, kif ukoll dewmien burokratiku u amministrattiv li jxekkel il-ħidma tal-FEMS; jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, biex taħdem mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali bil-għan li jiġu żviluppati strumenti finanzjarji adegwati maħsuba apposta għall-bżonnijiet tas-sajjieda u l-intrapriżi tagħhom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw proċedura ssimplifikata u rapida għall-użu tal-FEMS għar-reġjuni li għadhom lura;

jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-possibbiltà li tistabbilixxi strument iddedikat biex jipprovdi sostenn lis-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi, skont l-eżempju tal-miżuri li ttieħdu għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi taħt l-iskema POSEI, li jikkontribwixxi biex jinsilet l-akbar benefiċċju mis-sajd potenzjali f'dawn ir-reġjuni;

8. Jitlob l-applikazzjoni sħiħa tal-Artikolu 349 tat-TFUE fil-politiki, ir-regolamenti, il-fondi u l-programmi tal-UE relatati mas-sajd, b'mod partikolari l-FEMS, sabiex jiġu indirizzati d-diffikultajiet speċifiċi li jħabbtu wiċċhom magħhom ir-reġjuni ultraperiferiċi;

9. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġaw l-użu ta' fondi differenti tal-UE, flimkien mal-FEMS, bil-għan li jiżviluppaw it-turiżmu tas-sajd u l-ipproċessar tal-ħut fir-reġjuni kkonċernati u b'hekk jiddiversifikaw is-sorsi ta' introjtu tagħhom;

10. Jistieden lill-Kummissjoni, bil-għan li tippermetti s-sopravivenza tas-settur tas-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi u f'konformità mal-prinċipji ta' trattament differenzjali għall-gżejjer żgħar u t-territorji msemmija fl-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 14, iddaħħal miżuri ta' appoġġ ibbażati fuq l-Artikolu 349 tat-TFUE li jippermettu l-finanzjament (fil-livell tal-UE jew dak nazzjonali) tal-bastimenti tas-sajd artiġjanali u tradizzjonali tar-reġjuni ultraperiferiċi li jħottu l-qabdiet kollha tagħhom fil-portijiet tar-reġjuni ultraperiferiċi u jikkontribwixxu għall-iżvilupp lokali sostenibbli, sabiex dawn iżidu s-sigurtà tal-bniedem, jikkonformaw mal-istandards Ewropej tal-iġjene, jiġġieldu kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat u jiksbu aktar effiċjenza ambjentali;

11. Jappoġġa lill-Istati Membri fl-istabbiliment ta' reġim fiskali preferenzjali għal dawn ir-reġjuni kkonċernati, bil-għan li jiġi mħeġġeġ l-investiment u miġġieled il-faqar;

12. Jenfasizza l-importanza li tiġi żviluppata u promossa l-akkwakultura sostenibbli mil-lat ambjentali u f'dak li jikkonċerna s-saħħa tal-istokkijiet tal-ħut u tal-konsumaturi; jissottolinja, barra minn hekk, mhux biss il-potenzjal tagħha bħala attività ekonomika li tipprovdi impjiegi stabbli u li jħallsu sew (diġà tirrappreżenta 80 000 impjieg fl-UE), iżda wkoll l-importanza tagħha għat-tnaqqis kemm tas-sajd żejjed tal-istokkijiet tal-ħut Ewropej kif ukoll tad-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjoni ta' ħut u frott tal-baħar minn pajjiżi terzi. iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali biex jipprovdu sostenn għall-proġetti tal-ekonomija blu bil-għan li jgħinu lin-nies fir-reġjuni li għadhom lura jiżviluppaw sorsi ta' introjtu sostenibbli mil-lat ambjentali. jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkonċentraw iżjed l-isforzi tagħhom biex isolvu kwistjonijiet ta' piż amministrattiv li jolqtu s-settur tas-sajd u l-akkwakultura.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
## FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 24.1.2018 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 22<br>–: 2<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Clara Eugenia Aguilera García, Renata Briano, Alain Cadec, Richard Corbett, Linnéa Engström, João Ferreira, Sylvie Goddyn, Mike Hookem, Ian Hudghton, Carlos Iturgaiz, Werner Kuhn, António Marinho e Pinto, Norica Nicolai, Ulrike Rodust, Remo Sernagiotto, Ricardo Serrão Santos, Isabelle Thomas, Ruža Tomašić, Peter van Dalen, Jarosław Wałęsa |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Izaskun Bilbao Barandica, Ole Christensen, Norbert Erdős, Seán Kelly, Verónica Lope Fontagné |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Tim Aker, João Pimenta Lopes |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 22 | + |
|---|---|
| ALDE | António Marinho e Pinto, Norica Nicolai |
| ECR | Peter van Dalen, Remo Sernagiotto, Ruža Tomašić |
| ENF | Sylvie Goddyn |
| GUE/NGL | João Ferreira, João Pimenta Lopes |
| PPE | Alain Cadec, Norbert Erdős, Carlos Iturgaiz, Seán Kelly, Werner Kuhn, Verónica Lope Fontagné, Jarosław Wałęsa |
| S&D | Clara Eugenia Aguilera García, Richard Corbett, Ulrike Rodust, Ricardo Serrão Santos, Isabelle Thomas |
| VERTS/ALE | Linnéa Engström, Ian Hudghton |

| 2 | - |
|---|---|
| EFDD | Tim Aker, Mike Hookem |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni